

Editorjal Fr Carl Mario Sultana

# Immanu-El
# Alla magħna

Min jaf kemm-il darba smajna jew intqal lilna l-kliem li aħna bħala katekisti m'aħniex imsejħin biss biex ngħallmu lill-oħrajn dwar Ġesù, imma biex ngħinuhom jagħmlu esperjenza personali ta' Ġesù. Il-katekisti huma msejħin biex ilaqqgħu lil dawk li huma qegħdin jakkumpanjaw fil-mixja tal-fidi mhux biss mal-kliem ta' Ġesù, imma ma' Ġesù stess. Trid tkun esperjenza personali ma' Ġesù li tasal biex tibdel lill-istess persuna minn ġewwa u tagħmilha tixbah lil Ġesù, dak il-mudell li aħna qegħdin inwasslu lil dawk li huma afdati f'idejna bħala l-aqwa mudell biex fuqu jibnu l-istil ta' ħajjithom.

Dan huwa kliem li biex ngħid il-verità lili jġegħilni naħseb dwar kemm jiena tassew għamilt esperjenza ta' Ġesù f'ħajti. Ħadd ma jista' jagħti minn dak li m'għandux, jew minn dak li qatt ma tassew għamel esperjenza tajba u sabiħa tiegħu. Imma jekk jiena bħala katekist/a ma għamiltx esperjenza ta' Ġesù f'ħajti, kif nista' nlaqqa' lil Ġesù ma' dawk li jiena qiegħed nakkumpanja? Kemm hi ħaġa diffiċli li twassal dak li inti stess qatt ma esperjenzajt, dak li inti qatt ma doqt tassew it-tjubija tiegħu!

Imma Alla jibqa' jinqeda b'kull staġun fil-ħajja tal-bniedem biex lilna jdewwaqna t-tjubija tiegħu u tal-esperjenza tiegħu. Hekk jiġri fil-ġranet tal-Milied: mill-ġdid induqu u naraw kemm hu tajjeb il-Mulej, li meta aħna ma stajniex inkunu qrib tiegħu biex nagħmlu esperjenza tiegħu, ġie fostna hu biex jgħinna bħala bnedmin stess nagħmlu esperjenza ta' Alla magħna – Immanu-El. X'kobor ta' mħabba: Alla jersaq lejna hu biex jurina kemm jieħu pjaċir ikun fil-kumpanija tagħna l-bnedmin; Alla li jitneżża' minn kollox biex isir bħalna u meta twieled bħala tarbija sar jiddependi għalkollox fuq il-bnedmin.

Marija u Ġużeppi kellhom l-isbaħ esperjenza ta' Ġesù għax kienu qrib tiegħu fiżikament, għax ħallewh jidħol f'ħajjithom u sa ċertu punt ibiddlilhom ukoll il-pjanijiet li huma kellhom għal ħajjithom. Jalla aħna wkoll nagħmlu l-istess esperjenza ta' Ġesù f'ħajjitna ħalli wara nkunu nistgħu ngħadduh lill-oħrajn.